31993R1617

L 155/18 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 26.6.1993

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1617/93

tal-25 ta' Ġunju 1993

dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji u prattiċi miftiehma li jikkonċernaw l-ippjanar konġunt u l-koordinazzjoni ta' skedi, l-operazzjonijiet konġunti, il-konsultazzjonijiet dwar it-tariffi tal-passiġġieri u tal-merkanzija fuq servizzi ta' l-ajru skedati u l-allokazzjoni ta' *slots* fl-ajruporti

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3976/87 ta' l-14 ta' Diċembru 1987 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji u prattiċi miftiehma fis-settur tat-trasport bl-ajru ([1]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2411/92 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li ppubblikat l-abbozz ta' dan ir-Regolament ([3]),

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkordji u l-Pożizzjonijiet Dominanti fit-Trasport bl-Ajru,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 3976/87 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tapplika l-Artikolu 85(3) tat-Trattat permezz ta' Regolament għal ċerti kategoriji ta' akkordji, deċiżjonijiet jew prattiċi miftiehma li jirrigwardaw direttament jew indirettament il-provvista tas-servizzi tat-trasport bl-ajru.

(2) L-akkordji, deċiżjonijiet jew prattiċi miftiehma li jikkonċernaw l-ippjanar konġunt u l-koordinazzjoni ta' skedi, operazzjonijiet konġunti, konsultazzjonijiet dwar it-tariffi u allokazzjoni ta' *slots* fl-ajruporti għandhom tendenza li jnaqqsu l-kompetizzjoni u li jaffetwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(3) L-ippjanar konġunt u l-koordinazzjoni ta' l-iskeda tas-servizzi bl-ajru jistgħu jgħinu biex tkun assigurata l-kontinwità fis-servizzi f'ħinijiet anqas okkupati tal-ġurnata, waqt perjodi anqas okkupati jew fuq rotot anqas iffullati, u biex ikunu żviluppati konnessjonijiet 'il quddiem, b'hekk jibbenefikaw minnhom dawk li jużaw it-trasport bl-ajru. B'dankollu, klawsoli dwar titjiriet żejda m'għandhomx għalfejn jirrikjedu l-approvazzjoni tal-partijiet l-oħra jew jinvolvu penalitajiet finanzjarji. Dawn l-arranġamenti għandhom jagħtu lok biex il-partijiet ikun jistgħu jirtiraw minnhom b'avviż fi żmien raġjonevolment qasir.

(4) L-arranġamenti li bihom linja ta' l-ajru iżgħar tirċievi appoġġ kummerċjali u finanzjarju minn linja ta' l-ajru oħra jistgħu jgħinu lil dik il-linja ta' l-ajru iżgħar biex topera servizzi ta' l-ajru fuq rotot ġodda jew anqas iffullati. B'dankollu, biex jiġu evitati r-restrizzjonijiet li mhumiex indispensabbli biex jintlaħaq dak l-iskop, it-tul ta' dawk l-operazzjonijiet konġunti għandu jkun illimitat għaż-żmien meħtieġ biex tinkiseb preżenza kummerċjali biżżejjed. L-eżenzjoni ġenerali ma tridx tingħata lill-operazzjonijiet konġunti meta ż-żewġ partijiet jistgħu b'mod raġonevoli jkunu mistennija li joperaw is-servizz ta' l-ajru b'mod indipendenti. Dawk il-kondizzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għall-possibiltà, f'każi xierqa, ta' l-applikazzjoni magħmula bi qbil ma' l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3975/87 ([4]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2410/92 ([5]), bil-ħsieb li tinkiseb eżenzjoni individwali meta l-kondizzjonijiet ma jintlaħqux jew meta l-partijiet għandhom bżonn jestendu t-tul ta' l-operazzjoni konġunta. B'mod partikolari meta l-partijiet jixtiequ jagħmlu użu, permezz ta' operazzjoni konġunta, mill-opportunitajiet ta' aċċess għas-suq maħluqa mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 ([6]) fuq rotot li mhumiex la ġodda u lanqas anqas iffullati, iżda li altrimenti jilħqu l-kondizzjonijiet imsemmija hawnhekk, eżenzjoni individwali tista' tkun iggarantita.

(5) Il-Konsultazzjonijiet dwar it-tariffi tal-passiġġieri u tal-merkanzija jistgħu jikkontribwixxu għall-aċċettazzjoni ġeneralizzata tan-nollijiet ta' bejn il-linji u r-rati għall-benefiċċju ta' trasportaturi bl-ajru kif ukoll ta' dawk li jużaw it-trasport bl-ajru. B'dankollu, il-konsultazzjonijiet m'għandhomx jeċċedu l-għan li jiffaċilitaw l-*interlining*. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2409/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar in-nollijiet u r-rati għas-servizzi bl-ajru ([7]), huwa bbażat fuq il-prinċipju tal-prezzar ħieles u għalhekk iżid il-possibiltà ta' kompetizzjoni fil-prezz tat-trasport bl-ajru. Għalhekk, il-kompetizzjoni ma tistax tkun eliminata b'dan. Il-konsultazzjonijiet bejn trasportaturi bl-ajru fuq it-tariffi tal-passiġġieri u tal-merkanzija jistgħu għalhekk jitħallew għalissa, dejjem jekk ikunu llimitati għan-nollijiet u r-rati li jwasslu għal ħidma vera bejn il-linji, li l-parteċipazzjoni f'dawk il-konsultazzjoni-

([1]) ĠU L 374, tal-31.12.1987, p. 9.
([2]) ĠU L 240, ta' l-24.8.1992, p. 19.
([3]) ĠU C 253, tat-30.9.1992, p. 5.
([4]) ĠU L 374, tal-31.12.1987, p. 1.
([5]) ĠU L 240, ta' l-24.8.1992, p. 18.
([6]) ĠU L 240, ta' l-24.8.1992, p. 8.
([7]) ĠU L 240, ta' l-24.8.1992, p. 15.

jiet mhix obbligatorja, li ma jwasslux għal ftehim fir-rigward tan-nollijiet, tar-rati jew tal-kondizzjonijiet marbuta, li fl-interess tat-trasparenza l-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jibagħtulhom l-osservaturi, u li trasportaturi bl-ajru li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu tal-konsultazzjoni huma obbligati biex ibiddlu l-linji mat-trasportaturi l-oħra kollha li huma kkonċernati, fit-tariffi użati mil-linja ta' l-ajru li ġġorr għall-kategorija ta' tariffa hekk diskussa.

Il-Kummissjoni trid terġa' tevalwa l-effetti tal-konsultazzjonijiet dwar it-tariffi fuq il-kompetizzjoni tal-prezz fid-dawl ta' operat tar-Regolament (KEE) Nru 2409/92 u fid-dawl ta' l-iżvilupp ta' l-industrija tat-trasport bl-ajru tal-Komunità, u tista' tagħmel tibdiliet xierqa għall-eżenzjoni fil-medda taż-żmien tagħha;

(6) L-arranġamenti dwar l-allokazzjoni ta' *slots* fl-ajruporti u l-iskedar ta' l-ajruport jistgħu jtejbu l-użu ta' kemm ikun jiflaħ l-ajruport u l-ispazju ta' l-ajru, jgħin fil-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru u jgħin biex ixerred l-għoti ta' servizzi lit-trasport ta' l-ajru mill-ajruport. B'dankollu, jekk il-kompetizzjoni ma tridx tiġi eliminata, għandu jitħalla d-dħul fl-ajruporti ffullati. Sabiex ikun hemm livell sodisfaċenti ta' sigurtà u trasparenza, dawk l-arranġamenti jisgħu jkunu aċċettati biss jekk dawk it-trasportaturi kkonċernati jistgħu jipparteċipaw f'negozjati, u jekk l-allokazzjoni ssir fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja.

(7) Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 3976/87, dan ir-Regolament għandu japplika b'effett retroattiv għall-akkordji, għad-deċiżjonijiet u għall-prattiċi miftiehma li jkun hemm fis-seħħ meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, dejjem jekk jilħqu l-kondizzjonijiet għall-eżenzjoni mogħtija f'dan ir-Regolament.

(8) B'konformità ma' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 3976/87, dan ir-Regolament irid jispeċifika wkoll iċ-ċirkostanzi li bihom il-Kummissjoni tista' tirtira l-eżenzjoni ġenerali f'każijiet individwali.

(9) L-ebda applikazzjoni permezz ta' l-Artikolu 3 jew 5 tar-Regolament (KEE) Nru 3975/87 m'għandha għalfejn issir fil-każ ta' l-akkordji eżentati awtomatikament b'dan ir-Regolament. B'dankollu, meta jkun jeżisti dubju veru, l-impriżi jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex tiddikjara jekk l-arranġamenti tagħhom ikunux konformi ma' dan ir-Regolament.

(10) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 86 tat-Trattat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

IT-TITOLU I

EŻENZJONIJIET

L-Artikolu 1

Insegwitu ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat u soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, huwa hawnhekk iddikjarat li l-Artikolu 85(1) tat-Trattat m'għandux jgħodd għall-akkordji bejn l-impriżi fis-settur tat-trasport bl-ajru, għad-deċiżjonijiet mill-assoċjazzjonijiet ta' dawk l-impriżi u għall-prattiċi miftiehma bejn dawk l-impriżi li għandhom bħala l-għan tagħhom waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

– l-ippjanar konġunt u l-koordinazzjoni ta' l-iskeda tas-servizz bl-ajru bejn ajruporti tal-Komunità,

– l-operazzjoni konġunta ta' servizz bl-ajru skedat fuq rotta ġdida jew li mhix iffullata bejn ajruporti tal-Komunità,

– li jinżammu konsultazzjonijiet dwar it-tariffi għat-trasport ta' passiġġieri, bil-bagalji tagħhom, u tat-tagħbija fuq servizzi ta' l-ajru skedati bejn l-ajruporti tal-Komunità,

– l-allokazzjoni ta' *slots* u skedar ta' l-ajruport f'dak li jikkonċerna s-servizzi bl-ajru bejn l-ajruporti tal-Komunità.

IT-TITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI

L-Artikolu 2

Id-dispożizzjonijiet speċjali għall-ippjanar konġunt u għall-koordinazzjoni ta' skedi

L-eżenzjoni li tikkonċerna l-ippjanar konġunt u l-koordinazzjoni ta' l-iskeda tas-servizz bl-ajru għandha tapplika biss jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu milħuqa:

(a) l-ippjanar u l-koordinazzjoni jkunu intenzjonati

(i) biex jassiguraw permezz ta' ftehim li ma jorbotx għoti sodisfaċenti ta' servizzi f'ħinijiet anqas okkupati tal-ġurnata, waqt perjodi anqas okkupati jew fuq rotot anqas iffullati; jew

(ii) biex jistabbilixxu permezz ta' ftehim li jorbot skedi li jgħinu fil-konnessjonijiet bejn il-linji għall-passiġġieri jew tagħbija bejn servizzi mħaddma mill-parteċipanti u l-volum minimu li jrid ikun hemm provvediment dwaru għall-dawk l-iskedi;

(b) l-akkordji, id-deċiżjonijiet u l-prattiċi mifthema ma jinkludux l-arranġamenti hekk li jillimitaw, direttament jew indirettament, il-volum li għandu jkun ipprovdut mill-parteċipanti jew biex jaqsmu bejniethom il-volum;

(ċ) l-akkordji, id-deċiżjonijiet u l-prattiċi miftiehma li ma jżommux lura lil trasportaturi milli jieħdu sehem fl-ippjanar u l-koordinazzjoni milli jdaħħlu servizzi oħra, mingħajr ma jeħlu multi u mingħajr ma jintalbu li jiksbu l-approvazzjoni mill-parteċipanti l-oħra;

(d) l-akkordji, id-deċiżjonijiet u l-prattiċi miftiehma ma jżommux lura lil trasportaturi milli jirtiraw mill-ippjanar u l-koordinazzjoni għal staġuni fil-ġejjieni mingħajr multi, meta jagħtu avviż ta' mhux aktar minn tliet xhur għal dak l-iskop;

(e) l-akkordji, id-deċiżjonijiet u l-prattiċi miftiehma ma jippruvawx jinfluwenzaw l-iskedi adottati minn min iġorr li ma jipparteċipax fihom.

L-Artikolu 3

Id-dispożizzjonijiet speċjali għal operazzjonijiet konġunti

L-eżenzjoni li tikkonċerna l-operazzjoni konġunta tas-servizz bl-ajru għandha tkun tgħodd biss jekk waħda minn dawn il-kondizzjonijiet tkun milħuqa:

(a) l-operazzjoni konġunta tikkonċerna t-tqassim, minn wieħed minn trasportaturi bl-ajru, ta' l-ispejjeż u d-dħul ta' xi ħadd ieħor li jġorr bl-ajru fir-rigward tas-servizz ta' l-ajru skedat li jħaddem dan ta' l-aħħar;

(b) (i) ma kien hemm l-ebda servizz dirett bejn iż-żewġ ajruporti kkonċernati matul l-erba' staġuni kollha tat-traffiku li jippreċedu l-bidu ta' l-operazzjoni konġunta; jew

(ii) il-volum fuq ir-rotta koperta bl-operazzjoni konġunta ma tkunx teċċedi it-30 000 post kull sena f'kull direzzjoni; dan il-volum jista tkun irduppjat fuq rotot ta' 'l fuq minn 750 kilometru li fihom hemm, l-aktar darbtejn kuljum, servizz dirett bl-ajru;

(ċ) dak li jġorr bl-ajru li jħaddem is-servizz bl-ajru joffri volum, flimkien mas-servizz ta' l-ajru operat b'mod konġunt, mhux aktar minn 90 000 post kull sena f'wieħed mill-ajruporti involuti;

(d) id-dħul mit-trasport bl-ajru fl-iskop ġeografiku ta' dan ir-Regolament għal min iġorr bl-ajru li jopera s-servizz bl-ajru u għal xi trasportaturi bl-ajru oħra li direttament jew indirettament jipparteċipaw fil-kontroll ta' ishma kkontrollati fl-operazzjoni ta' ġarr bl-ajru, ma jkunx jeċċedi l-400 miljun ECU kull sena;

(e) l-ebda parti ma tkun imċaħħda milli topera servizzi addizzjonali bl-ajru waħedha bejn iż-żewġ ajruporti kkonċernati jew milli tiddetermina independentament in-nollijiet, il-volum u l-iskedi ta' dawk is-servizzi bl-ajru;

(f) it-tul ta' l-operazzjoni konġunta ma jkunx aktar minn tliet snin;

(g) kull waħda mill-parti tista' ttemm l-operazzjoni konġunta meta tagħti avviż ta' mhux aktar minn tliet xhur, li għandu jeskadi fl-aħħar ta' l-istaġun tat-traffiku.

L-Artikolu 4

Dispożizzjonijiet speċjali għall-konsultazzjonijiet dwar it-tariffi tal-passiġġieri u tal-merkanzija

1. L-eżenzjoni li tikkonċerna l-konsultazzjonijiet dwar it-tariffi tal-passiġġieri u tal-merkanzija għandha tkun tapplika biss jekk dawn il-kondizzjonijiet ikunu milħuqa:

(a) il-parteċipanti jiddiskutu biss in-nollijiet ta' l-ajru u tal-merkanzija li għandhom jitħallsu minn dawk li jużaw it-trasport bl-ajru direttament lejn dawk li jipparteċipaw fil-ġarr bl-ajru jew lejn l-aġenti awtorizzati tagħhom, għall-ġarr bħala passiġġieri jew għat-trasport minn ajruport għall-ieħor tat-tagħbija fuq servizz skedat, kif ukoll il-kondizzjonijiet marbuta ma' dawk in-nollijiet u r-rati. Il-konsultazzjonijiet ma jridux jestendu għall-volum li għalihom dawk it-tariffi jridu jkunu disponibbli;

(b) il-konsultazzjonijiet iwasslu għal *interlining*, jiġifieri, dawk li jużaw it-trasport bl-ajru jridu jkunu jistgħu, skond it-tipi tan-nollijiet jew tar-rati u l-istaġuni li kienu s-soġġett tal-konsultazzjonijiet;

(i) li jikkombinaw fuq dokument wieħed tat-trasportazzjoni s-servizz li kien il-qofol tal-konsultazzjonijiet, ma' servizzi fuq l-istess rotot jew rotot konnessi operati minn trasportaturi bl-ajru oħra, li fih in-nollijiet, rati u kondizzjonijiet applikabbli huma stabbiliti mil-linja(i) ta' l-ajru li jitrasportaw; u

(ii) safejn ikun imħolli mill-kondizzjonijiet li jirregolaw ir-riservazzjoni inizzjali, biex jibdlu r-riservazzjoni fuq servizz li kien il-qofol tal-konsultazzjonijiet f'servizz fl-istess rotta operata minn trasportatur bl-ajru ieħor bl-istess nollijiet, rati u kondizzjonijiet applikati minn dak it-trasportatur;

provdut iżda li trasportatur bl-ajru jista' jiċħad li jħalli dawk il-kombinazzjonijeit u t-tibdil ta' riservazzjoni għal skopijiet u raġunijiet mhux diskriminatorji ta' natura teknika jew kummerċjali, b'mod partikolari meta it-trasportatur bl-ajru li jkun qed jitrasporta ikun inkwetat bl-affidabbiltà ta' dak it-trasportatur li jkun qed jiġbor il-pagament għal dan it-trasport; f'dak il-każ dak it-trasportatur bl-ajru ta' l-aħħar li jkun qiegħed iġorr irid ikun mgħarraf dwar dan bil-kitba;

(ċ) it-tariffi tal-passiġġieri jew tal-merkanzija li huma l-qofol tal-konsultazzjonijiet ikunu applikati minn trasportaturi bl-ajru li jipparteċipaw mingħajr diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità tal-passiġġieri jew tal-post tar-residenza jew minħabba l-oriġni tat-tagħbija fil-Komunita;

(d) il-parteċipazzjoni fil-konsultazzjonijiet hi volontarja u miftuħa għat-traportaturi bl-ajru kollha li joperaw jew bi ħsiebhom joperaw servizzi diretti jew indiretti fuq ir-rotta konċernata;

(e) il-konsultazzjonijiet ma jorbtux lill-parteċipanti, jiġifieri, wara l-konsultazzjonijiet il-parteċipanti jżommu d-dritt li jaġixxu b'mod indipendenti fil-każ tat-tariffi tal-passiġġieri u tal-merkanzija;

(f) il-konsultazzjonijiet ma jirrikjedux li jkun hemm ftehim dwar il-ħlas ta' l-aġenti jew elementi oħra tat-tariffi diskussi;

(g) fejn hemm bżonn li ssir il-preżentazzjoni tat-tariffi, kull parteċipant irid jippreżenta t-tariffa b'mod individwali li ma kienx is-soġġett tal-konsultazzjonijiet, ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati; b'dak il-mod jista' jaġixxi hu stess jew permezz ta' l-aġent tiegħu li jagħmel il-preżentazzjoni jew permezz ta' l-aġent ġenerali tal-bejgħ.

2. (a) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom ikunu ntitolati biex jibagħtu l-osservaturi għall-konsultazzjonijiet dwar it-tariffi. Għal dan il-għan, trasportaturi bl-ajru għandhom jagħtu lill-Istati Membri kkonċernati u lill-Kummissjoni l-istess avviż li jingħata lill-parteċipanti, iżda mhux anqas minn avviż ta' 10t ijiem, tad-data, il-post u s-suġġett tal-konsultazzjonijiet.

(b) Dak l-avviż għandu jingħata:

(i) lill-Istati Membri kkonċernati bi qbil mal-proċeduri li jridu jkunu stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri;

(ii) lill-Kummissjoni skond il-proċeduri li jridu jkunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

(ċ) Rapport sħiħ dwar dawn il-konsultazzjonijiet irid jingħata lill-Kummissjoni minn jew f'isem trasportaturi bl-ajru involuti fl-istess ħin li jintbagħat lill-parteċipanti, iżda mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara li jkunu saru dawk il-konsultazzjonijiet.

L-Artikolu 5

Id-dispożizzjonijiet speċjali għall-allokazzjoni ta' slots u l-iskedar ta' l-ajruport

1. L-eżenzjoni li tikkonċerna l-allokazzjoni ta' *slots* u l-iskedar ta' l-ajruport għandha tkun tgħodd biss jekk jintlaħqu dawn il-kondizzjonijiet segwenti:

(a) il-konsultazzjonijiet dwar l-allokazzjoni ta' *slots* u l-iskedar ta' l-ajruport huma miftuħa għat-trasportaturi bl-ajru kollha li wrew xewqa fl-ispazji li huma l-qofol tal-konsultazzjonijiet;

(b) ir-regoli ta' prijorità huma stabbiliti u mqassma mingħajr diskriminazzjoni, jiġifieri li mhumiex la direttament u lanqas indirettament marbuta ma' l-identità ta' min iġorr jew man-nazzjonalità jew mal-kategorija ta' servizz, billi jitqies x-xkiel jew ir-regoli tat-tqassim tat-traffiku ta' l-ajru stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jew internazzjonali u jagħtu konsiderazzjoni xierqa għall-bżonnijiet tal-pubbliku li jkun jivvjaġġa u l-ajruport ikkonċernat. Soġġett għall-paragrafu (d), dawk ir-regoli ta' prijorità jistgħu jqisu d-drittijiet li kisbu trasportaturi bl-ajru permezz ta' l-użu ta' l-ispazji partikolari fl-istaġun korrispondenti preċedenti;

(ċ) ir-regoli ta' prijorità, la darba jkunu stabbiliti jkunu disponibbli fuq talba lejn xi parti interessata;

(d) dawk li jidħlu ġodda kif definiti fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 ([1]) huma allokati 50 % ta' l-ispazji maħluqa ġodda jew mhux użati u l-spazji li jkunu ħallewhom trasportaturi waqt jew fl-aħħar ta' l-istaġun jew li jistgħu jkunu disponibbli mod ieħor, sal-punt li dawk li jidħlu ġodda għandhom talbiet pendenti għall-ispazji;

(e) trasportaturi bl-ajru li jipparteċipaw fil-konsultazzjonijiet ikollhom aċċess, sa mhux aktar tard miż-żmien tal-konsultazzjonijiet, għall-informazzjoni li tirrigwardja ma':

– spazji storiċi mil-linja ta' l-ajru, kronoloġikament, għat-trasportaturi bl-ajru kollha fl-ajruport,

– l-ispazji mitluba (sottomissjonijiet tal-bidu) minn trasportaturi bl-ajru u kronoloġikament għat-trasportaturi bl-ajru kollha,

– l-ispazji allokati, u talbiet għal spazji pendenti elenkati individwalment f'ordni kronoloġika, minn trasportaturi bl-ajru, għal trasportaturi bl-ajru,

– l-ispazji li jkun fadal disponibbli,

– id-dettalji kollha dwar il-kriterji li jintużaw fl-allokazzjoni.

Jekk talba għall-ispazji ma tintlaqax, dak l-ikkonċernat li jġorr bl-ajru għandu jkun intitolat għal stqarrija tar-raġunijiet dwar dan.

2. (a) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati għandhom ikunu intitolati li jibagħtu osservaturi għall-konsultazzjonijiet dwar l-allokazzjoni ta' slots u l-iskedar ta' l-ajruport li jkun sar fil-kuntest ta' laqgħa plurilaterali bill-quddiem f'kull staġun. Għal dan l-iskop, trasportaturi bl-ajru jridu jagħtu lill-Istati Membri kkonċernati u lill-Kummissjoni l-istess avviż li jingħata lill-parteċipanti, iżda mhux anqas minn avviż ta' 10t ijiem, tad-data, l-post u s-suġġett tal-konsultazzjonijiet.

(b) Dak l-avviż għandu jingħata:

(i) lill-Istati Membri kkonċernati bi qbil mal-proċeduri li għandhom ikunu stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri;

(ii) lill-Kummissjoni bi qbil mal-proċeduri li għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

IT-TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

L-Artikolu 6

L-irtirar ta' l-eżenzjoni ġenerali

Il-Kummissjoni tista' tirtira l-benefiċċju ta' l-eżenzjoni ġenerali permezz ta' dan ir-Regolament, bi qbil ma' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 3976/87 meta ssib b'mod partikolari li

([1]) ĠU L 14, tat-22.1.1993, p. 1.

akkordju, deċiżjoni jew prattika miftiehma li tkun eżentata b'dan ir-Regolament xorta waħda jkollha ċerti effetti li huma inkompatibbli mal-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 85(3) jew huma pprojbiti mill-Artikolu 86 tat-Trattat, u b'mod partikolari meta:

(i) ma jkun hemm l-ebda kompetizzjoni effettiva tal-prezz fuq xi rotta jew grupp ta' rotot li kien is-suġġett tal-konsultazzjonijiet dwar it-tariffi. F'dawk il-każi il-benefiċċju ta' dan ir-Regolament irid jitneħħa fir-rigward tar-rotta jew grupp ta' rotot inkwestjoni, u mit-trasportaturi bl-ajru li jkunu ħadu sehem fil-konsultazzjonijiet dwar it-tariffi li jikkonċernaw dawk ir-rotot;

(ii) is-servizz bl-ajru li hu operat b'mod konġunt permezz ta' l-Artikolu 3 ma jkunx espost għal kompetizzjoni effettiva mis-servizzi tat-trasport bl-ajru diretti jew indiretti bejn iż-żewġ ajruporti magħquda jew bejn ajruporti qrib, jew permezz ta' mezzi oħra tat-trasport li joffru veloċità, konvenjenza u prezzijiet li jħabbtuha sew mat-trasport bl-ajru bejn il-bliet moqdija miż-żewġ ajruporti magħquda. F'dawk il-każi it-tneħħija tal-benefiċċju ta' dan ir-Regolament trid issir fil-każ tas-servizz operat b'mod konġunt f'dan il-każ;

(iii) l-operat ta' l-Artikolu 5 ma kienx għen lil dawk li daħlu ġodda biex jakkwistaw dawk l-ispazji kif jista' jkun mitluba f'ajruport iffullat sabiex ikunu stabbiliti skedi li jgħinu lil trasportaturi biex jikkompetu b'mod effettiv ma' trasportaturi li huma stabbiliti għal kwalunkwe rotta għal u mill-ajruport, u meta l-kompetizzjoni fuq dawk ir-rotot hija mxekkla b'mod sostanzjali. F'dawk il-każi it-tneħħija tal-benefiċċju ta' dan ir-Regolament għandha ssir fil-każ ta' l-allokazzjoni ta' *slots* fl-ajruport imsemmi.

L-Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1993.

Għandu jkun japplika sat-30 ta' Ġunju 1998.

Dan ir-Regolament għandu jkun japplika b'effett retroattiv għall-akkordji, id-deċiżjonijet u l-prattiċi mifthema li jkunu eżistenti meta jidħol fis-seħħ, miż-żmien ta' meta l-kondizzjonijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikunu twettqu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Ġunju 1993.

Għall-Kummissjoni

Karel VAN MIERT

Membru tal-Kummissjoni